MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1853/1995/1

**Petroil Engineering Services Ltd**

**Vs**

**Oil and Construction International Ltd u b’nota tat-2 ta’ April, 2002 l-isem tas-socjeta’ konvenuta gie mibdul ghal Engineering & Construction Management Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta’ attrici ippremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, seba' mija u sitta u tmenin liri Maltin, u disgha u sebghin centezmi (Lm26,786,79c,0) jew somma ohra verjuri, bilanc ta' somma akbar prezz ta' diversi xoghlijiet ta' inginerija u kostruzzjoni esegwiti mis-socjeta' attrici fid-Dellimara Power Station, Dellimara, a favur u fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, taht subappalt moghti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta fis-16 ta' Settembru 1994 in konnessjoni mal-progett maghruf bhala *"Diesel Oil Unloading and Forwarding System Storage Tanks and Miscellaneous Fire Fighting Equipment for Phase IIA Extension at Dellimara Power Station",* skond il-kuntratt tal-korporazzjoni Enemalta Numru DPS 200-03, kwantu ghal Lm25,277.99c,0 dovuti in konnessjoni mas-subappalt baziku originali skond il-fatturi numri 0116/95 u 0117/95 kif hawn annessi mmarkati Dok. "B1" u "B2'' rispettivament in kwantu ghal Lm1,508.80 dovuti in konnessjoni ma' xogholijiet addizzjonali illi kienu gew ordnati min ghand is-socjeta' attrici skond il-fatturi numri 0110/95, 0111/95 u 0113/95 kif hawn annessi mmarkarti Dok. "XA1", "XA2" u "XA3" rispettivament.

U peress illi nonostante illi giet interpellata diversi drabi mis-socjeta' attrici sabiex tiddivjeni ghall-pagament tas-somma dovuta skond kif fuq premess, is-socjeta' konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

1. M'ghandhiex tigi kkundannata minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, seba' mija u sitta u tmenin liri Maltin, u disgha u sebghin centezmi (Lm26,786,79c,0) jew somma ohra verjuri, bilanc ta' somma akbar prezz ta' diversi xoghlijiet ta' inginerija u kostruzzjoni esegwiti mis-socjeta' attrici fid-Dellimara Power Station, Dellimara, a favur u fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, taht subappalt moghti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta fis-16 ta' Settembru 1994 in konnessjoni mal-progett maghruf bhala *"Diesel Oil Unloading and Forwarding System Storage Tanks and*

*Miscellaneous Fire Fighting Equipment for Phase IIA Extension at Dellimara Power Station",* skond il-kuntratt tal-korporazzjoni Enemalta Numru DPS 200-03; bl-imghaxijiet kummercjali mill-iskadenzi relattivi tad-diversi fatturi sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 2725/95 ipprezentat fit-2 ta' Novembru 1995 kontra s-socjeta' konvenuta ta' liema socjeta' r-rapprezentanti legali taghha huma minn issa stess ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur nomie a fol. 3 tal-process.

Rat **in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 20 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi, fl-ewwel lok, il-bilanc mitlub fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u seba u sebghin lira, u disa u disghin centezmu (Lm25,277.99) in konnessjoni mas-subappalt baziku mhux dovut u ghalhekk it-talba attrici f'dan ir-rigward hi nfondata;

2. Illi, fit-tieni lok, is-somma mitluba ta' elf, hames mija u tmien Liri, u tmenin centezmu (Lm1,508.80) tirraprezenta prezz ta' xoghlijiet li tlestew dan ix-xahar u ghalhekk ghadha mhix dovuta stante li skond is-subappalt baziku l-hlas ghandu jsir fi zmien xahrejn mic-certifikat relattiv mentri s-somma ta' tliet mija, tmienja u hamsin lira, u tmenin centezmu (Lm358.80) hija ammessa u l-esponenti qieghda fil-process ta' hlas ta' din is-somma.

*3.* Illi fit-tielet lok, is-socjeta' attrici hi responsabbli lejn is-socjeta' konvenuta f'danni in konnessjoni mal-appalt *de quo* liema danni huma mertu ta' kawza separata intavolata f'ismijiet inversi u ghalhekk hemm lok li jigi deciz min hu debitur ta' min.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 16, 21, u l-verbal a fol. 22 fil-kawza 1610/95 bejn l-istess partijiet deciza illum, fejn gie deciz li

dina l-kawza kellha tinstemgha u tigi trattata flimkien mal-kawzi l-ohra bin-numri 1610/95, 113/96 u 1878/95 bejn l-istess partijiet u fuq l-istess mertu;

Rat id-digriet  li bih gie nominat l-espert Paul Cardona;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku Paul Cardona;

Rat id-digriet  li bih gew nominati periti addizzjonali;

Rat ir-relazzjoni taghhom;

Rat id-domandi li saru lill perit addizzjonali in eskussjoni u r-risposti taghhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Il-Qorti taghmel referenza ghall provi kollha li nstemghu fil-kawzi imsemmija, ghar-relazzjonijiet tal-periti teknici, u ghal konsiderazzjonijiet li dina l-Qorti ghamlet fil-kawzi msemmija, li kollha ghandhom japplikaw ghal dina l-kawza wkoll.

F'dina l-kawza t-talba hija ghal **Lm26,786,79c,0** u l-perit tekniku wasal ghall konkluzzjoni li din t-talba ta' Petroil kienet kollha gustifikata (ara fol. 255/258) kwantu ghall Lm25,277.99 ghal bilanc fuq il-kuntratt originali u Lm1,508.80 bhala *extra works*.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba attrici ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf seba' mija u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm26,786,79c,0) kif mitluba,
U tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas din is-somma
Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta,
U bl-imghax legali mid-data tal-fatturi rilevanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------